**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' Marzu, 2025

Rikors Ġuramentat: 89/2018 AL

**A B f'ismu u għan-nom tal-minuri C D B u E B**

**vs.**

**F G**

## Il-Qorti

Rat ir-rikors ġuramentat[1] ta' l-attur li permezz tiegħu ppremetta:

*1. Illi r-rikorrent A B u l-konvenuta zzewgu nhar l-erbgha ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija u hamsa u disghin (04.06.1995) u miz-zwieg taghhom twieldu zewgt ulied, ir-rikorrenti E B li llum ghandu 20 sena u C D li llum ghandu hmistax-il sena;*

[1] Fol. 1.

*2. Illi jinghad illi meta l-bint E kellha madwar sittax-il sena, kien taha stroke u wara kwazi sena fil-kura intensiva (ITU), hija kienet qamet. Jinghad illi minhabba tali stroke, llum ir- rikorrenti E qed tbati minn dizabilita` u mhix fkundizzjoni li tmantni lilha infisha u/jew tghix hajja indipendenti;*

*3. Illi l-konvenuta qatt m'accettat tali fatt u meta A B u hi kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni bdiet tissuggerixxi u tinsisti li E, li dak iz-zmien kienet minuri, tigi rikoverata go istituzzjoni. Ir-rikorrent A B irrifjuta u ghall-kuntlarju ta' martu li abdikat minn kull responsabbilita`, ha l-kura u l-kustodja attwali ta' bintu f'idejh u beda jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha taghha, tant li hija llum anke regghet bdiet titkellem, u anki dik ta' ibnu C D;*

*4. Illi A B u l-konvenuta sseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono tas-sebgha u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (27.06.2014) (Dok A);*

*5. Illi fl-imsemmi kuntratt, il-partijiet qablu u ddecidew illi skont ix-xewqat espressi tal-ulied, ir-rikorrent gie vestit bil-kura u l-kustodja esklussiva taz-zewg ulied minuri, b'dana illi l-istess ulied jabitaw mieghu u l-Mara konvenuta kellha biss access;*

*6. Illi konsegwentement kien anke gie miftiehem illi l-konvenuta kellha tmantni liz-zewg ulied, u l-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni taghhom tennew is-segwenti f'dan ir-rigward:*

*"(ii) Il-Mara bhala sehma mill-manteniment tal-minuri qieghda tintrabat u tobbliga rubha illi fl-ewwel gimgha ta' kull xabar, tivversa favur il-missier is-somma ta' mitt ewro (€100) ghal kull wild, u cioe` s-somma komplessiva ta' mitejn ewro (€200). Dan il-manteniment ghandu jizdied billi joghla skond l-Indici tal-Inflazzjoni tal-gholi tal-hajja kull sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dana l-att.*

*(iii) Il-partijiet jaqblu illi s-somma li qed tigi hawn fuq stipulata tkopri l-bzonnijiet kollha tal-minuri inkluz hwejjeg u medicinali ordinarji, izda ghal dak li jirrigwarda kull spiza relatata ma' edukazzjoni u sahha ta' natura straordinarja, il-partijiet qed jaqblu illi dawn ghandhom jinqasmu nofs bin-*

*nofs bejniethom. In oltre, il-partijiet qed jaqblu illi jekk spiza partikolari tkun ser tissupera l-mitt ewro (€100) ghandha ssir konsultazzjoni bejn il-partijiet.*

*(v) Il-manteniment pagabbli ghall-minuri C ghandu jigi definittivament itterminat ipso facto hekk kif l-istess minuri jaghlaq l-eta ta' (18) tmintax-il sena jekk jieqaf mill-iskola u jsib impjieg. Fl-eventwalita` li l-minuri jibqa' jistudja fuq bazi full time wara l-eta ta' tmintax-il sena (18), dan il-manteniment jibqa' dovut sal-eta` ta' tlieta u ghoxrin sena (23) jew sakemm il-minuri jibqa' jistudja fuq bazi full time sa qabel l-eta ta' tlieta u ghoxrin sena (23). Ghal kull buon fini qieghed jigi ddikjarat illi f'kaz li l-minuri bejn l-eta ta' tmintax-il sena (18) u l-eta ta' tlieta u ghoxrin sena (23) jieqaf mill-istudji tieghu fuq bazi full time dan il-manteniment ghandu jieqaf u jigi tterminat ipso facto u dana skont liema eventwalita` tavvera rubba l-ewwel. Il-partijiet qed jaqblu wkoll illi jekk il-minuri C, wara li jaghlaq it-tmintax-il sena u jkompli l-istudji tieghu, ma jibqax jabita mar-ragel; l-imsemmi manteniment ghandu jibda jithallas direttament lilu. Il-partijiet in oltre qed jaqblu illi minhabba l-kundizzjoni ta' E, il-manteniment tal-istess E ghandu jibqa' pagabbli mill-omm, anke wara li l-istess taghlaq it-tmintax-il sena u dana skont il-htigijiet tal-imsemmija E u dejjem jekk il-mezzi tal-mara oggettivament ikunu jippermettu;"*

*7. Illi ghalkemm il-konvenuta thallas regolarment il-manteniment dovut minnha, minkejja diversi interpellanzi, hija qatt ma hallset l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni taz-zewg ulied;*

*8. Illi iktar ma jghaddi z-zmien, l-ispejjez, specjalment tar-rikorrenti E propju minhabba l-kundizzjoni taghha, dejjem qed jizdiedu u l-esponent ma jistax jibqa' jerfa' l-piz finanzjarju taz-zewg ulied wahdu;*

*9. Illi minkejja diversi interpellanzi u minkejja li kien hemm tentattiv ta' ftehim permezz ta' proceduri ta' medjazzjoni, il-konvenuta dejjem irrifjutat li thallas kemm l-gholi tal-hajja u kien biss recentement li hallset l-istess; filwaqt li qatt ma hallset sehemha mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-istess ulied;*

*10. Illi ghaldaqstant l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu rwichhom minn klawsola vi tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-kontendenti u jitolbu illi l-manteniment dovut mill-konvenuta jigi awmentat;*

*11. Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti, datat l-ewwel ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (01.02.2018) Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:*

*1. Timmodifika l-manteniment dovut mill-konvenuta billi tawmenta l-manteniment dovut minn F G ghall-ulied, ahwa B, ghal somma ohra verjuri, biex ikopru sehem il- konvenuta mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-istess ulied;*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-procedura ta' medjazzjoni, kontra l-konvenuta li hi minn issa ingunta in subizzjoni.*

Rat il-lista ta’ xhieda ta’ l-attur;

Rat illi fis-seduta tat-22 ta’ Novembru 2018[2] il-konvenuta kienet dikjarata kontumaċi;

Rat illi permezz ta’ rikors tas-17 ta’ Ġunju 2022[3] il-konvenuta intavolat talba biex tiġġustifika l-kontumaċja u għalhekk tawtorizzaha tippreżenta r-risposta ġuramentata tagħha, tressaq il-provi, tagħmel kontro-eżamijiet u tippreżenta nota ta’ sottomissjonijiet;

Rat li permezz ta’ digriet tas-16 ta’ Lulju 2022[4] il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenuta sabiex hija tkun tista’ tirrispondi għall-kawża u tressaq il-provi tagħha;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta[5] fejn eċċepiet is-segwenti:

---

[2] Fol. 25.
[3] Fol. 4010.
[4] Fol. 4020.
[5] Fol. 4035.

*1. Illi l-azzjoni mressqa mir-rikorrent hija ġuridikament improponibbli billi hawn si tratta ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali iffirmat bejn iż-żewġ partijiet nhar is-sebgħa u għoxrin ta' Gunju tas-sena 2014, fl-atti tan-Nutar Dr. Jean Carl Debono kif ġja eżebit.*

*2. Illi b'hekk in tema legali għandu jirriżulta li ġjaladarba t-talba attrici tikkonsisti f'talba għal varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kuntrattwali kif pattwiti fil-kuntratt tas-separazzjoni surriferit, bħal kull kuntratt ieħor, dan il-kuntratt għandu jitqies bħala vinkolanti daqs liġi bejn il-partijiet b'applikazzjoni tal-prinċipju pacta sunt servanda, kif hekk emanenti mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*3. Illi jsegwi illi trattandosi ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux koatta jew forzata, l-partijiet ftehmu fl-aħjar interess tagħhom it-tnejn. Wara kollox il-kontenut tal-ftehim kien jirrifletti l-hsieb u x-xewqa tal-partijiet infushom, u b'hekk issa ma jistax jippretendi li l-Qorti tinjora jew tmur kontra dak mifthiehem.*

*4. Illi b'hekk isegwi li l-attur assuma l-obbligu kuntrattwali de quo volontarjament għax fehem li kien aħjar li s-separazzjoni personali ta' bejnu u bejn l-esponenti premessa ssir bonarjament milli ġudizzjarjament. Stante dan, l-attur allura għamel għażla li ħass li kienet tajba, u għalhekk ma jistax issa jippretendi li jmur lura jew 'lil hinn minn dak pattwit minnu.*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ma tezisti l-ebda tibdil fic-cirkostanzi li timmerita li jkun hemm xi tip ta' revizjoni fil-manteniment li accetta li jircievi r-rikorrenti u li qieghed jithallas regolarment da parti tal-esponenti. Anzi kif ser jigi pruvat f'dina l-kawza, t-tibdil fic-cirkostanzi kienu aktar favorevoli ghall-istess attur.*

*6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti m'hix f'pożizzjoni finanzjarja li tħallas aktar manteniment minn dak li prezentement qeghda thallas l-esponenti. Jinghad ukoll illi l-esponenti diga ghaddejja minn tbatija finanzjarja.*

*7. Illi fl-ahharnett, it-talbiet mressqa mill-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u fl-istess waqt l-esponenti tichad b'mod mill-aktar kategoriku kull allegazzjoni mqanqla mill-istess attur fir-rikors guramentat tieghu.*

*8. Salv linji difensjonali ulterjuri hekk kif permessi mill-liġi.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenuta;

Rat illi permezz ta' rikors tat-18 ta' Jannar 2024[6] il-konvenuta talbet illi tiġi awtorizzata tippreżenta l-eċċezzjoni tal-*fuori termine* peress li tgħid li l-kawża ġiet preżentata barra x-xahrejn li jitlob Regolament 7 tal-Avviż Legali 397 tal-2003;

Rat illi l-Qorti b'digriet tas-7 ta' Frar 2024[7] laqgħet it-talba biex l-eċċezzjoni tal-*fuori termine* tiġi mressqa mill-konvenuta;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta[8] li permezz tagħha ressqet l-eċċezzjoni tal-*fuori termine;*

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta[9] dwar l-istess eċċezzjoni;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-attur[10] għall-istess;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għal sentenza dwar din l- eċċezzjoni[11];

## KONSIDERAZZJONIJIET

## Ikkunsidrat:

[6] Fol. 4595.
[7] Fol. 4637.
[8] Nota tal-21 ta' frar 2024 a fol. 4638.
[9] Fol. 4701.
[10] Fol. 4706.
[11] Verbal tal-10 ta' Diċembru 2024 a fol. 4715.

Il-kawża li fetaħ l-attur hija sabiex il-Qorti timmodifika l-klawżoli dwar il-manteniment ta' wliedu li jinsabu miftehma permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni li hu u l-konvenuta ffirmaw fis-27 ta' Ġunju 2014.

Permezz ta' rikors tad-29 ta' Jannar 2024, iżda l-konvenuta tippreżenta talba sabiex tressaq eċċezzjoni ulterjuri li ma kinitx ġiet imressqa fir-risposta ġuramentata tagħha tal-5 ta' Awwissu 2022.[12]

Permezz ta' digriet tas-7 ta' Frar 2024[13] din il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenuta sabiex tippreżenta l-eċċezzjoni ulterjuri tagħha dwar il-*fuori termine*, u l-konvenuta għamlet dan permezz ta' Nota tal-21 ta' Frar 2024.[14]

Il-Qorti għalhekk trid issa tiddeċiedi dwar din l-eċċezzjoni preliminari.

Il-konvenuta tissolleva illi *tramite* x-xhieda tal-Assistent Reġistratur tal-Qrati tal-Familja tas-6 ta' Ġunju 2023[15] irriżulta illi l-Qorti awtorizzat lill-attur jipproċedi b'kawża nhar l-1 ta' Frar 2018 u fil-fatt huwa ntavola l-kawża fit-12 ta' April 2018. Il-konvenuta tgħid li dan imur kontra r-Regolament 7 tal-Avviż Legali 397 tal-2003 li jispeċifika li l-kawża trid issir fi żmien xahrejn minn meta l-Qorti b'ordni tagħha tagħlaq il-proċess tal-medjazzjoni u tawtorizza lill-partijiet jipproċedu b'kawża. Jgħid għalhekk li l-kawża ġiet preżentata ħdax-il ġurnata tard u għalhekk *fuori termine* u għalhekk għandha titqies nulla *ai termini* tal-Artikolu 789 tal-Kap 12.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tibda biex tieħu konjizzjoni ta' kif ġraw il-fatti fil-proċess tal-medjazzjoni bin-numru 1714/17RGM fl-ismijiet A B vs F G:

30 ta' Novembru 2017 – L-attur ippreżenta rikors fejn talab awment fil-manteniment dovut mill-konvenuta għal ulied il-partijiet;

[12] Fol. 4035.
[13] Fol. 4637.
[14] Fol. 4638.
[15] Fol. 4158

5 ta' Diċembru 2017 – Digriet tal-Qorti li permezz tiegħu l-Qorti titlob lill-partijiet jagħmlu ċerta dikjarazzjonijiet u jippreżentaw dokumenti addizzjonali b'relazzjoni mar-rikors tal-attur tat-30 ta' Novembru 2017;

31 ta' Jannar 2018 – Rikors tal-konvenuta li biha titlob iktar żmien sabiex tippreżenta r-risposta tagħha għar-rikors tal-attur tat-30 ta' Novembru 2017;

1 ta' Frar 2018 – Digriet tal-Qorti fejn laqgħet it-talba tal-konvenuta miġjuba minnha permezz tar-rikors tal-31 ta' Jannar 2018;

1 ta' Frar 2018 – Digriet ieħor tal-Qorti li bih il-Qorti ddikjarat li ma ġietx intavolata risposta għar-rikors tal-attur tat-30 ta' Novembru 2017, laqgħet it-talbiet tal-attur u għalqet il-proċess ta' medjazzjoni u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża;

8 ta' Frar 2018 – Rikors tal-konvenuta li bih titlob illi l-Qorti tħassar *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-1 ta' Frar bl-akkoljiment tat-talbiet tal-attur u l-għeluq tal-proċess tal-medjazzjoni sabiex hija effettivament twieġeb għat-talbiet tiegħu;

13 ta' Frar 2018 – Digriet tal-Qorti li bih tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha in kwantu jipprovdi dwar ammont fil-manteniment u tikkonfermah fil-kumplament u tagħti lill-konvenuta sitt ijiem utli biex tippreżenta r-risposta għar-rikors tal-attur tat-30 ta' Novembru 2017;

23 ta' Frar 2018 – Digriet tat-23 ta' Frar 2018 li bih il-Qorti tiċħad it-talbiet tal-attur għal varjazzjoni tal-klawżoli li jirrigwardaw il-manteniment;

12 ta' April 2018 – L-attur jippreżenta l-kawża tiegħu quddiem din il-Qorti. Fil-waqt li l-attur jikkontendi li x-xahrejn li jistipola r-Regolament 7 jiskattaw mid-digriet tat-13 ta' Frar 2018, il-konvenuta tikkontendi li dawn jiskattaw mid-digriet tal-1 ta' Frar 2018.

L-attur jikkontendi wkoll illi skont l-Artikolu 728 tal-Kap 12, l-eċċezzjonijiet kollha sew jekk dilatorji jew dwar il-mertu għandhom jingħataw fir-risposta

ġuramentata skont il-każ u hija b'eċċezzjoni li l-Qorti tawtorizza li jsiru f'waqt ieħor tal-kawża.

F'dan il-każ, fil-fatt, il-konvenuta kienet kontumaċi, u filwaqt li ġiet dikjarata kontumaċi fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2018, hija preżentat biss rikors li mbagħad ġie preżentat b'urġenza (*sic* għalkemm tlett snin u seba xhur wara), fis-17 ta' Ġunju 2022 sabiex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha. Dan kien fl-istadju li l-kawża kienet diġà differita għas-sentenza[16] u l-attur kien intavola n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Madanakollu anke wara li l-attur ma opponiex, il-Qorti laqgħet it-talbiet tal-konvenuta u awtorizzatha tintavola risposta ġuramentata.

Il-konvenuta ppreżentat l-eċċezzjonijiet tagħha permezz ta' risposta ġuramentata fil-5 ta' Awwissu 2022. F'dan il-mument il-konvenuta ma ssollevatx l-eċċezzjoni li l-kawża saret *fuori termine.* Il-konvenuta tgħid li hija setgħet tagħmel dan wara li rriżulta mix-xhieda tal-Assistent Reġistratur tal-Qrati tal-Familja li l-Qorti awtorizzat lill-attur jipproċedi b'kawża fl-1 ta' Frar 2018. Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-konvenuta għexet il-każ sa mill-bidu nett, minn qabel u anke wara li nbeda l-proċess ta' medjazzjoni, u l-Qorti hija konvinta li hija kienet ben konsapevoli ta' kull pass li seħħ waqt il-medjazzjoni, inkluż meta ingħata kull digriet li ingħata f'dik il-proċedura.

Issa, minkejja dan, u għalkemm il-Qorti awtorizzat lill-konvenuta tippreżenta din l-eċċezzjoni f'dan l-istadju, madanakollu tħoss li għandha tirrileva illi ma kienx il-każ li din l-eċċezzjoni ma setgħetx tinġieb fir-risposta ġuramentata tagħha għaliex hija f'dak il-mument kienet qed tirrispondi għar-rikors ġuramentat tal-attur li fih l-attur stess jirreferi għall-istess digriet u, kif ingħad diġà, hija żgur kienet ben konxja ta' kull pass u avveniment li seħħ f'dik il-proċedura ta' medjazzjoni.

Jirriżulta għalhekk illi mhux talli l-Qorti ppermettiet, u l-attur stess ma opponiex, illi l-konvenuta tintavola r-risposta tagħha tant tard fil-kawża, proprju meta l-kawża kienet diġà differita għas-sentenza, talli f'dak il-mument ma ġabitx l-eċċezzjoni preliminari tal-*fuori termine* li setgħet tqajjem f'dak il-mument faċilment. Ma rriżulta fil-fatt xejn ġdid mix-xhieda

[16] Verbal tas-17 ta' Frar 2022 a fol. 3988.

li ġabet il-konvenuta li bih il-konvenuta setgħet issa biss indunat li setgħet tipproponi din l-eċċezzjoni.

Madanakollu, l-Qorti reġgħet tatha ċans u hija ppreżentat din l-eċċezzjoni ulterjuri. L-eċċezzjoni fl-essenza tagħha hija waħda valida u kif esprimiet din il-Qorti stess u kif kkwotat mill-partijiet, il-Qorti temmen illi skont l-Avviż Legali 397 tal-2003 Regolament 7, *"Meta l-Qorti tkun awtorizzat lil xi wieħed mill-konjuġi jipproċedi b'kawża għal firda personali, kull parti tista' tibda l-proċeduri fi żmien xahrejn jew f'dak iż-żmien itwal skond ma l-Qorti tista' tistabbilixxi għal xi raġuni gravi",* u għalhekk sakemm il-partijiet ma jagħmlux rikors quddiem l-istess Qorti sabiex minhabba, kif jgħid ir-Regolament 7 hawn fuq ċitat, "*għal xi raġuni gravi*" il-Qorti ttawwal dan iż-żmien, mela t-terminu stipulat lil-Liġi huwa ta' xahrejn u jrid jiġi osservat għaliex altrimenti tista' tiġi sollevata n-nullità tal-kawża.

Madanakollu f'dan il-każ temerġi l-kwistjoni ta' minn meta jibdew jgħoddu dawn ix-xahrejn. Filwaqt li l-Qorti, fl-1 ta' Frar 2018, għalqet il-proċess tal-medjazzjoni u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża, fit-13 ta' Frar 2018 il-Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-1 ta' Frar 2018 f'dak li jirrigwarda l-ammont ta' manteniment u kkonfermatu fil-kumplament. Permezz tal-istess digriet akkordat lill-konvenuta sitt ijiem utli sabiex tippreżenta r-risposta tagħha kif fil-fatt kienet talbet. Hemm għalhekk nibtet il-mistoqsija jekk ix-xahrejn mill-għeluq tal-medjazzjoni skattawx mid-digriet tal-1 ta' Frar 2018 jew mid-digriet tat-13 ta' Frar 2018 li kkonferma l-ewwel digriet f'dak li huwa għeluq ta' medjazzjoni. Fil-fatt, minn eżami akkurat ta' l-atti, din il-Qorti hija konvinta li meta ġiet intavolata l-kawża fit-12 ta' April 2018, dan sar eżattament lejliet skadenza ta' xahrejn mid-data tat-13 ta' Frar 2018, u kwindi dak iż-żmien l-attur kien konvint li kien qiegħed jaġixxi *entro* t-terminu ta' xahrejn.

Filwaqt li Qorti taqbel fil-prinċipju li x-xahrejn kellhom jibdew jgħoddu mill-1 ta' Frar 2018, il-mod kif ġraw il-fatti, fejn l-attur seta' kellu f'moħħu li l-medjazzjoni għadha miftuħa peress li reġa beda għaddej iż-żmien biex il-konvenuta tippreżenta r-risposta tagħha, seta qajjem interpretazzjoni differenti. Il-Qorti tħoss li f'dan l-istadju daqshekk tardiv, wara li l-attur stess għoġbu li ma jopponix li jsiru eċċezzjonijiet *nonostante* l-kontumaċja ċara u n-*non kuranza* ta' l-istess konvenuta għal kważi erba' snin sħah, u

wara li l-istess konvenuta naqset milli tindika l-istess eċċezzjoni meta kellha kull ċans tagħmel dan meta intavolat l-istess eċċezzjonijiet u meta kellha l-konsapevolezza pjena ta' dak kollu li ġara f'dan il-każ, il-konvenuta qed tieħu vantaġġ minn dan kollu.

Fl-assjem taċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tħossx li għandha tkun kompliċi mal-konvenuta li tħoss li qed tagħmel minn kollox biex tevita dawn il-proċeduri fi stadju tardiv meta l-provi fil-mertu inġabru, inkluż saħansitra b'dak offrut mill-istess konvenuta.  Mingħajr ma l-Qorti bl-ebda mod ma tidħol fil-mertu tal-kawża, fiċ-ċirkostanzi temmen li din il-kawża ma għandhiex tiġi dikjarata nulla meta seta' ma kienx ċar minn meta jiskatta ż-żmien mitlub mill-Liġi.

Barra minn hekk, il-Qorti hija tal-fehma konsiderata li l-imġieba tal-konvenuta f'din il-kawża hija effettivament waħda kuntradittorja. Minn banda, għamlet minn kollox biex, *nonostante* l-kontumaċja tagħha, terġa' tipparteċipa fil-kawża b'mod attiv, ressqet l-eċċezzjonijiet li dehrilha li kellha tressaq, u fil-mertu ssieltet kif jistħoqq biex tipprova l-każ tagħha. Mill-banda l-oħra, wara dan kollu, u meta l-kawża kienet matura għas-Sentenza, dehrilha targumenta, qisu "*as an afterthought*", li l-kawża ma tiswiex għal raġuni proċedurali, li jfisser neċessarjament li kull ma sar fil-kawża ma jiswiex. Dan, għalhekk, jinkludi neċessarjament, il-provi mressqa bil-parteċipazzjoni attiva tagħha stess.

Għaliex, kif hekk hija konvinta l-Qorti, il-konvenuta kienet pjenament konsapevoli ta' dak kollu li seħħ f'dan il-każ, inkluż fil-medjazzjoni, l-imġieba tagħha fil-mori tal-kawża turi kif hija emmnet fil-validità tal-każ, jew inkella għażlet li tinjora jekk kienx hemm difett fil-validità ta' l-istess u għoġobha tiġġieled fil-mertu. Il-Qorti ma tistax tgħid x'għadda minn moħħ il-konvenuta meta, fi stadju li kellha tingħata s-Sentenza, dehrilha li għandha tressaq din l-eċċezzjoni ulterjuri, però, kif diġà ngħad, il-Qorti ma tistax ma tevalwax din l-eċċezzjoni fil-kuntest ta' l-imġieba tal-konvenuta matul l-iter tal-kawża.

Il-Qorti għalhekk tqis ukoll li dan il-komportament kunfliġġenti għandu jimmilita favur il-validità effettiva ta' dawn il-proċeduri, anke jekk biss

minħabba din l-istess imġieba li l-Qorti tqis li ssanat kwalunkwe difett li seta' kien verament hemm.

Il-Qorti temmen fis-sħiħ ma' aderenza stretta tal-proċeduri għaliex inkella l-istituzzjoni tal-Qorti tiġġenera f'waħda ta' żufjett, però min-naħa l-oħra ma jistax wieħed juża' l-istess proċedura biex jevita l-ġudizzju, u speċjalment dan fiċ-ċirkostanzi hawn fuq spjegati. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Carmel Zammit vs Anthony Sultana**, deċiża fil-31 ta' Jannar, 1994 illi l-interpretazzjoni tal-liġijiet għandha dejjem tkun marbuta mal-finalità tagħha—u "*M'għandiex tiġi interpretata b'mod assurd u bla sens u lanqas b'mod li tagħti lok għall-vessazzjoni bla raġuni b'applikazzjoni letterali li qatt ma setgħat [sic] kienet fil-ħsieb tal-leġislatur*."

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad l-eċċezzjoni ulterjura tal-konvenuta li l-kawża saret *fuori termine*.

**DECIDE:**

Għaldaqstant in vista tal-premess u għall-motivi ġa espressi l-Qorti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuta dwar il-*fuori termine*, tordna l-prosegwiment tal-kawża fil-mertu.

Spejjeż ta' din is-sentenza preliminari jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.